## P6_TA(2008)0411

# Il-kolp ta' stat fil-Mawritanja

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Settembru 2008 dwar il-kolp ta' stat fil-Mawritanja

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet li saru wara l-kolp ta' stat, mill-President tiegħu, mill-Presidenza tal-Kunsill f'isem l-Unjoni Ewropea, mir-Rappreżentant Għoli għall-politika estera u ta' sigurta' komuni, mill-Kummissjoni, mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, mill-Unjoni Afrikana (UA), mill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Punent tal-Afrika (ECOWAS) u mill-Organisation Internationale de Francophonie (OIF),

– wara li kkunsidra t-tieni żjara, mindu seħħ il-kolp ta' stat, tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Afrika tal-Punent, is-Sur Saïd Djinnit, fil-Mawritanja,

– wara li kkunsidra l-att kostituttiv tal-UA, li jikkundanna kwalunkwe tentattiv tat-teħid tas-setgħa bil-forza;

– wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fis-6 ta' Awissu 2008 seħħ kolp ta' stat fil-Mawritanja meta l-President tal-Mawritanja Sidi Mohamed Ould Cheikh Abdallahi tneħħa mill-poter minn grupp ta' ġenerali b'kariga għolja li kien keċċa mill-kariga dakinhar stess,

B. billi l-elezzjonijiet leġiżlattivi ta' Novembru u Diċembru 2006, l-elezzjonijiet senatorjali ta' Jannar 2007 u l-elezzjoni tal-President Sidi Mohamed Ould Cheikh Abdallahi ta' Marzu 2007 ġew meqjusa bħala ekwi u trasparenti mill-osservaturi internazzjonali, inklużi l-osservaturi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari l-missjonijiet ta' osservazzjoni mibgħuta mill-Parlament Ewropew, li b'hekk poġġa lilu nninfsu bħala garanti tal-legalità ta' dawn l-elezzjonijiet,

C. billi aktar minn żewġ terzi mill-Parlament tal-Mawritanja ffirmaw dikjarazzjoni ta' appoġġ għall-kap tal-kolp ta' stat Mohamed Ould Abdel Aziz u għall-ġenerali tiegħu; billi f'Ġunju 2008, il-leġiżlatura għaddiet vot ta' nuqqas ta' sfiduċja, li wassal lill-President Abdallahi biex ibiddel il-Kabinett tiegħu; billi 49 membru rriżenjaw mill-Parlament wara li l-President Abdallahi ħatar 12-il Ministru tal-Kabinett minn fost dawk li kienu parti mir-reġim preċedenti li ma kien maħbub xejn,

D. billi d-deċiżjonijiet rigward il-ġejjieni politiku, ekonomiku u soċjali tal-Mawritanja jappartjenu esklussivament għar-rappreżentanti eletti mill-poplu, u billi d-demokrazija timplika bilanċ tal-poter bejn l-eżekuttiv u l-leġiżlattiv, u b'hekk it-tnejn li huma jgawdu l-leġittimità elettorali,

E. billi l-kolp ta' stat seħħ f'kuntest ekonomiku u soċjali degradat, u billi l-iżvilupp huwa l-aħjar garanzija biex tirnexxi d-demokrazija,

F. billi jirrikonoxxi l-progress magħmul fir-ritorn tar-rifuġjati u l-adozzjoni tal-liġi li tikkriminalizza l-iskjavitù fil-pajjiż,

G. billi jikkunsidra l-appoġġ tal-Unjoni għat-tranżizzjoni lejn id-demokrazija u l-"programm ta' appoġġ" ta' 156 000 000 EUR għall-perjodu 2008-2013, fil-qafas tal-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li jikkumplimenta l-għajnuna li diġà qed tingħata u l-għajnuna ta' 335 000 000 EUR mogħtija mill-1985,

H. billi l-Bank Dinji ssospenda l-għajnuna ta' 175 000 000 USD għall-Mawritanja u billi s-sospensjoni ta' dawn il-fondi se taffettwa xi 17-il proġett nazzjonali fil-Mawritanja, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-pajjiż fi proġetti reġjonali tal-Bank Dinji, b'mod partikulari rigward l-iżvilupp rurali, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-infrastruttura u l-bini tat-toroq,

I. billi l-Mawritanja demokratika tirrappreżenta punt ta' stabilità f'subreġjun partikularment fraġli li, min-naħa, għandu l-fruntiera tal-Grigal mal-Alġerija u mal-Mali fis-Saħara, il-Grupp Salafista għall-predikazzjoni u t-taqbida li sar l-Al Qaida fil-Magreb Iżlamiku l-kbir u, min-naħa l-oħra, ir-rebelljoni tat-Tuareg,

J. billi l-"ordinanza kostituzzjonali" li fiha l-ġunta tiddefinixxi s-setgħat tagħha u li tagħtiha l-possibilità li tiggverna m'għandha l-ebda bażi legali,

1. Jikkundanna l-kolp ta' stat militari li sar mill-Ġenerali tal-Mawritanja, it-tieni kolp ta' stat f'dan il-pajjiż fi tliet snin, li kiser il-legalità kostituzzjonali u r-riżultati tal-elezzjoni demokratika li kienu aċċettati internazzjonalment; jiddispjaċih għal dan il-pass lura meta jitqies il-progress konsiderevoli fl-iżvilupp tad-demokrazija u tal-istat ta' dritt matul is-snin li għaddew fil-Mawritanja; jitlob li t-tensjoni politika attwali fil-Mawritanja tissolva fi ħdan il-qafas istituzzjonali li jirriżulta mit-tranżizzjoni għad-demokrazija, u li jerġgħu jiddaħħlu l-ordni kostituzzjonali u l-liġi ċivili mill-aktar fis possibbli,

2. Jitlob li jinħelsu minnufih il-President Sidi Mohamed Ould Cheikh Abdallahi, il-Prim Ministru Yahya Ould Ahmed el-Waghef u membri oħra tal-gvern, li għadhom qed jinżammu taħt arrest f'darhom f'postijiet differenti,

3. Jitlob ir-rispett sħiħ tal-legalità kostituzzjonali tas-setgħat tal-President u tal-Parlament tal-Mawtiranja, li jimplika li l-mekkaniżmi ta' koeżistenza bejn il-President u l-Parlament u l-mekkaniżmi ekwilibriju bejn il-poter eżekuttiv u leġiżlattiv huma rregolati fir-rigward u fil-qafas tal-Kostituzzjoni, li fiha l-modifikazzjonijiet biex tiġi żgurata stabilità akbar jistgħu jsiru biss b'konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha, wara dibattitu twil li jinkludi l-forzi politiċi kollha,

4. Iqis li dibattitu miftuħ u sinċier bejn il-forzi politiċi ewlenin għandu jiddetermina r-rotot u l-mezzi kostituzzjonali meħtieġa biex itemmu din il-kriżi,

5. Jilqa' r-ritorn tar-refuġjati, l-adozzjoni ta' liġi li tikkriminalizza l-iskjavitù u l-abbozz ta' liġi għal-liberalizzazzjoni tal-midja, jiddeplora n-nuqqas ta' mezzi demokratiċi sabiex jindirizzaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-abbużi mwettqa fl-1990 kontra l-komunità tas-suwed fil-Mawritanja, minkejja l-wegħdiet tal-President li jwaqqaf kumitat ta' inkjesta,

6. Jitlob li r-refuġjati li reġgħu lura fil-Mawritanja jieħdu lura d-drittijiet tagħhom, u jingħataw lura l-proprjetà tagħhom li kienet ġiet ikkonfiskata,

7. Jitlob li l-poplu tal-Mawritanja, li diġà qed isofri minħabba l-kriżijiet ekonomiċi u tal-ikel, ma jibqax jittieħed bħala ostaġġ f'din il-kriżi, u jitlob lill-Kummissjoni biex

timplimenta l-proġetti ta’ appoġġ għas-soċjetà ċivili fil-qafas tal-istrument Ewropew għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem,

8. Jinnota t-tħabbira ta’ elezzjonijiet presidenzjali ġodda mill-ġunta militari, iżda jiddeplora l-fatt li - mhux bħal fil-każ tal-ġunta li kienet fis-setgħa mill-2005 sal-2007 - ma ttieħed l-ebda impenn favur in-newtralità elettorali; jitlob lill-forzi militari li jinsabu fil-poter biex jimpenjaw irwieħhom bla dewmien għal skeda għar-restituzzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi, f’koperazzjoni mal-forzi politiċi,

9. Jappoġġja l-isforzi tal-UA favur soluzzjoni razzjonali tal-kriżi,

10. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tibda djalogu politku, b’konformità mal-Artikolu 8 tal-ftehima ta' sħubija bejn il-membri tal-Gruppi ta' l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunita' Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000[1], hekk kif emendata fil-Lussemburgu fit-24 ta' Ġunju 2005 (Ftehima ta’ Cotonou), bil-għan li l-pajjiż jerġa’ lura għal-legalità kostituzzjonali, u biex tinforma lill-Parlament dwar ir-riżultat ta' dan id-djalogu; jekk dan ma jirnexxix, jitlob li jiġi attivat mill-ġdid l-Artikolu 96 tal-Ftehima ta’ Cotonou, li jista' jwassal għal l-iffriżar ta' l-għajnuna kollha ħlief dik tal-ikel u umanitarja,

11. Iħeġġeġ lill-Presidenza tal-Kunsill biex ikompli jsegwi mill-qrib il-qagħda politika f’dan il-pajjiż, b’kollaborazzjoni mill-qrib mal-UA, u biex jiggarantixxi s-sikurezza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni,

12. Jitlob li tintbagħat delegazzjoni parlamentari mill-aktar fis, sabiex isiru laqgħat bejn il-membri u suġġerimenti biex malajr tinstab soluzzjoni għall-kriżi,

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana, lill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Frankofonija u lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p.3.